# IL-FRERES F'MALTA

*Minn* BROTHER AMEDY

IL-FRERES huma qodma u ġodda f'ħin wieħed: qodma għax xirfu fis-seklu tas-sultan Wiġi XIV, is-sultan hekk imsejjaħ "Xemx", u ġodda għax għadhom fostna mogħnija b'dik l-istess ħajja qawwija, baqbieqa u bieżla, li biha twieldu daqs mitejn u sittin sena ilu.

Is-seklu sbatax ta lill-Ewropa nies politiċi kbar u qaddisin akbar. In-nies imma, li għexet f'dak iż-żmien li l-lum aħna nilmħuh ilellex daqs id-deheb, xejn ma kienet taħsibha bħalna fuq il-Mexxejja li ħakmuha b'id tal-ħadid. Il-ġnus imsejkna ta' dak is-seklu narawhom ininu taħt it-toqol ta' elf dmir li bihom kienu jgħabbuhom is-slaten u l-kbarat, dmirijiet hekk iebsa li b'riħethom il-ftit kienu jistagħnew u l-bosta jiftaqru. Il-ħabsijiet kienu ta' sikwit jitberrħu u jilqgħu bejn ħitanhom mudlama u rieżħa l-vittmi mbejta mill-għira jew mir-regħba. Il-bankijiet tax-xniebek kemm-il darba kienu x-xhieda siekta tal-krib bati ta' mijiet ta' erwieħ imġarrbin bla ebda ħtija.

Dawn kienu ż-żmenijiet li fihom ħakem is-Sultan Xemx!

Xi ngħidu mbagħad għall-faqar u għan-nuqqas ta' tagħlim, li magħhom kellhom iħabbtu wiċċhom it-tfal u ż-żgħażagħ? Il-qagħda kienet bil-wisq imwiegħra u l-ħsara bla tarf! Ma hawnx agħar mit-tifel li jiġġerra mat-triqat sabiex jinbex ix-xemx għaddejja, li jaqbeż għal ġewwa l-egħlieqi biex jisraq u jħarbat. M'hawnx agħar mit-tifel bla skola, midgħi u pażtaż... Hekk kienet il-kotra tas-subien f'dan is-seklu mbiegħed.

Iżda d-dinja hi fuq kollox immexxija minn Alla ħallieq u ħassieb u għalhekk kull ġrajja li sseħħ fiha hi mrieda minnu u minnu mħejjija. Għaldaqshekk lill-ħabsin, lill-qaddiefa u lill-imsawtin l-Imgħallem bagħat 'il San Viċenz de Paule; u liċ-ċkejknin, lit-tfal u liż-żgħażagħ, Huwa bagħat il-qaddis kbir Ġwanni Battista de La Salle, li b'ħidmitu tal-għaġeb biddel xejret l-edukazzjoni mitejn sena qabel ma l-gvernijiet ta' l-Ewropa ħasbu għal trawwim it-tfal fl-iskejjel. Din il-ħidma ta' De La Salle tfisser, li barra minn qaddis, hu kien ukoll ġenju. Din l-istqarrija ma waqgħetx minn fomm il-ħbieb, iżda minn fomm Voltaire, l-eqqel għadu tal-Kattoliċiżmu u minn fomm frammażuni bix-xniexel bħalma kien Ferdinandu Buisson.

Ġwanni Battista de La Salle twieled fit-30 ta' April, 1651, fil-belt magħrufa ta' Reims; il-belt għanja tas-slaten ta' Franza, in-nieqa ta' ġellieda qalbenin u l-qasam li żejjen is-sema kaħlani tal-Knisja b'qaddisin kbar. Fl-1680 hu xeħet is-sies ta' l-Ordni ta' l-Aħwa ta' l-iskejjel insara, li hawn Malta nsibuhom bil-kelma Franċiża ta' "Freres". Miet fis-7 ta' April, 1719, ibierek lil uliedu u jwissihom ma jbiddlu xejn minn dak kollu li bin-nebh u l-għajnuna t'Alla kien irnexxielu jwaqqaf għall-ġid ta' l-erwieħ. U x'kien qatt ix-xogħol ta' De La Salle? Insemmu biss ħidmitu fit-tiġdid u t-tiswir ta' l-edukazzjoni, ħidma li wara qdusitu hi l-akbar sebħ tiegħu: Jekk hu ma ħalaqx is-sistema simultanju, jiġifieri dak is-sistema li jrid li t-tfal fl-iskola jieħdu l-istess tagħlima flimkien u mhux wieħed wieħed, hu talanqas xerrdu, għax qabel kienu jafu bih barra minn f'xi skola mwarrba. Terġa', hu dan is-sistema saffieh u raqqmu, neħħielu u żiedlu tant li l-istoriċi marru jxiddulu l-laqam ta' "Sistema Lasalljan."

Kien hu li beda l-pedagoġija moderna, li biha jiftaħru tant dawk li ssellfuha minn għandu u għamluha tagħhom; hu li tana l-iskejjel tekniċi u professjonali, fetaħ skejjel bla ħlas għall-fqar, universitajiet popolari u skejjel normali, jiġifieri skejjel għat-taħriġ tal-għalliema. Il-ħabsijiet jew riformatorji għat-tfal imqarbin bdihom hu u waħdieni fost l-edukaturi ta' qablu u ta' żmienu, id-

De La Salle waqqaf l-iskejjel ta' nhar ta' Ħadd u ta' fil-għaxija għaż-żgħażagħ u t-tfal ħaddiema li jkunu fuq ix-xogħol fil-ħin ta' l-iskola.

Din il-ħidma kotrana u fejjieda, il-Freres wiegħdu lil Missierhom qabel ħalliehom li jissoktawha u jseddquha wara mewtu. Werrieta ta' sistemi li aħjar minnhom ħadd ma seta' jgħożż, għax għajrhom ħadd ma sata' jifhem sew x'kienu jsarrfu, huma xerrduhom l-ewwel ma' l-erbgħat irjieħ ta' Franza, imbagħad ma' l-Ewropa, u l-lum hi mifruxa mad-dinja.

Mogħnija b'dan il-wirt li jiswa aktar mill-ġawhar, il-Freres wara li lil Franza għamluha nies, kellhom b'inkejja fihom jixħtu l-ħorġa wara darhom u jbewġu 'l barra, għax il-gvern wara li serqilhom mijiet ta' djar tefagħhom f'nofs ta' triq. Dan kien għal ħabta ta' l-1903... Dak in-nhar il-Gvern Franċiż kellu l-wiċċ sfieq ixandar li: "Għad li Franza ma jirnexxilha qatt tħallas id-dejn ta' ħajr li għandha lejn il-Freres, imħabba żewġ sekli ta' ħidma bieżla u għaqlija għall-ġid tal-poplu, hi (Franza) jkollha ta' bilfors tistmerriħom u tistkerrahhom għax bħal kull ħaġa oħra fid-dinja, il-Freres kienu qdiemu u tmermru......" Dawn huma t-taparsi ħaqq, sewwa u ħelsien imwiegħda sa miżżmenijiet imdemma tar-Rewwixta Franċiża u li l-ħakkiema mimlija semm tal-Bint Ewlenija tal-Knisja għadhom jirfdu sal-lum.

Il-Maltin sa mill-qedem imbiegħed kienu miżmumin bħala nies magħġuna għerf u għaqal, żewġ virtujiet li traku jfeġġu mill-qwiel il-ġmiel tagħhom. Misserijietna dejjem qalu, u aħna bħalhom naħsbuha, li "meta Alla jagħlaq bieb, jiftaħ mija." U sewwa sew dan li ġara 'l Freres: Franza keċċiethom u mijiet ta' artijiet oħra laqgħuhom għalenija. Il-lum mhux talli l-Freres ma kisbux diar daqs kemm tilfu, imma talli huma qed irieġu dwar it-tlett elef istitut, u dan, mhux le magħluqin qieshom f'fosdqa kif kienu fi Franza, iżda mxerrdin fil-pajjiżi tas-sħana u f'dawk tal-bard, fost ġnus ċivilizzati u fost nies slavaġ. Il-għadd tal-Freres tkattar ukoll u l-200 li ħalla d-De La Salle nhar mewtu, il-lum laħqu 20.000, filwaqt li t-tfal li jimlew il-klassijiet tagħhom ma jingħaddux għax huma eluf kbar.

Ma' dan is-sebħ miksub f'żewġ sekli u nofs ta' ħidma lasalljana bla waqfien, l-Ordni tal-Freres għandu sebħ ieħor isbaħ: il-qaddisin tiegħu. Barra minn San Ġwann Battista de La Salle, il-Beatu Frere Salomone, il-Venerabbli Benildu, il-qaddejja t'Alla Freres: Muzjanu, Eżuperjanu, Mikiel, Alpertu, Rafiel, eċċ., eċċ., hu jgħodd mijiet ta' martri li waqgħu għal Kristu u

tagħlimu fuq il-giljottina jew itturufnati fuq l-eħrex gżejjer; imtertqa mill-balal jew maħruqa ħajja ġewwa n-nirien. Dawn huma l-Freres! Dawn huma wlied San Ġwanni de La Salle. Għalhekk, meta Malta fis-sena 1903 laqgħethom fi ħdana b'dik id-dħulija li biha, sa minn żmien San Pawl, dejjem laqgħet lill-għorba, hi marret titkejjel bl-isbaħ ward u żhar, għax l-edukaturi li ġew biex irawmulha 'l uliedha kienu l-istess għalliema li minnhom is-sultan Ingliż Dwardu VII mar igħid: "Il-Freres huma l-aħjar edukaturi tas-saltna tiegħi." Iva, Malta għandha tabilħaqq biex tiftaħar li fdat liċ-ċkejknin tagħha lill-Freres għax dlonk fehmet bħal ma fehem il-President Taft ta' l-Istati Magħqudin ta' l-Amerika, li "Il-Freres huma wlied Ġwanni de La Salle, li fl-edukazzjoni laħaq l-ogħla quċċata, fejn l-ebda edukatur ieħor s'issa għadu ma laħaq."

Iżda l-ġrajja tal-Freres f'Malta ma bdietx maż-żernieq tas-seklu tagħna, għax nilmħuha mhejjija fil-ġranet infishom tal-Kavalieri ta' Malta. Gżiritna hi mogħnija qatigħ b'tifkiriet Lasalljani. Qrabat San Ġwann de La Salle, li wirtu minnu xrara ewlenija lejn il-Madonna ta' Liesse (jiġifieri, "Il-Madonna tal-Ferħ"), tellgħu u żejnu b'fondazzjoni ta' quddies is-santwarju qadim u storiku tal-Madonna ta' Liesse, li hemm ix-Xatt tal-Belt, u li l-lum b'għajb kbir ta' l-egħdewwa tagħna jinsab bi ħsarat mhux żgħar. Il-Palazz "De La Salle", Nru. 219, Triq Irjali, il-Belt, bnewh nies il-Fundatur tal-Freres, u f'San Ġwann indifen il-Kavalier Duvik De La Salle......

Kull bidu huwa iebes; għalhekk sa ma ħadu r-ruħ sewwa, **il-Freres f'Malta kellhom joforqu baħar imċaqlaq, li Alla kien li raqqdu biex le jfarrak**, igħarraq u jibla' d-dgħajsa dgħajfa tagħhom : **Fl-1903 il-Freres** krew l-iskola l-qadima tal-Gvern fi Strada Buongiorno, Bormla, semmewha "De La Salle College", u hawn ma' tul tletin sena sħaħ rabbew bosta tfal li ġew għandhom mill-ibgħad irħula u mlew id-Dockyard b'eluf ta' ħaddiema lijali lejn Dinhom, lejn Arthom u lejn il-bandiera Ingliża. Ir-riżultati sbieħ li ta' kull sena jiksbu t-tfal ta' dal-kulleġġ għadhom jgħaġġbu lil kulħadd.

Fl-14 ta' Settembru 1904, "Stella Maris College", f'Tas-Sliema, tbierek mill-viċi tal-parroċċa waħdanija, u dak in-nhar sebat itfal biss wieġbu għal sejħet il-Freres. Iżda billi ż-żerriegħa mixħuta kienet tajba u l-art bil-wisq għammiela, maż-żmien il-għadd ta' l-iskulari żdied u l-lum laħaq sitt mija. Minn Villa Schinas, ta' Triq Ridolfo, fein ra d-dawl il-Kulleġġ "Stella Maris", ħarġu bosta qassisin, tobba u nies ta' ġieħ. Il-lum hemm tfal

tal-Freres ta' Tas-Sliema f'imkejjen għolja tal-Gvern u fl-aqwa uffiċċji, b'għoġba kbira ta' kull min iħaddimhom.

Wara l-1904, il-Freres damu għal xi żmien, li għajb jaħasra ma kienx itwal, fis-Seminarju tal-Furjana, fl-Istitut ta' San Ġużepp, u fl-Oratorju ta' Birkirkara. Imqar il-lum, dan l-Oratorju għadu jismu "Oratorju San Ġwann Battista de La Salle," u tiftkiriet il-Freres, hux biss għadha ħajja fil-vara sabiħa tal-Fundatur tagħhom meqjuma fil-kappella, iżda b'riħet il-gwerra, il-Freres tan-Naħa l-Oħra reġgħu ġabru u għallmu mijiet ta' tfal f'dan l-Oratorju.

Malta bi ħġarha saret tafhom sew lill-Freres, li wara snin twal ta' satra siefla u ta' tbatija magħrufin minn Alla biss, ħarġu miż-żewġ "gabubi" ta' Bormla u ta' Tas-Sliema, sabiex b'saħħet is-sema jteligħu żewġ kulleġġi mill-iżjed moderni l-Birgu u l-Gżira. L-ewwel Freres li niżlu Malta kienu armajn kollha Franċiżi... iż-żmien, imma, biegħed lil uħud minn artna, xejjaħ lil xi oħrajn u erba' minnhom raqqadhom fin-nagħsa ħelwa tal-mewt u issa qed jistrieħu fid-dell ħiemed taċ-ċipress fil-Maqbar ta' l-"Addolorata." Iżda bosta żgħażagħ qalbiena, wild Malta, imsaħħra minn idijal ta' qdusija u ta' mħabba ħatfu minn idejn għajjiena, morda jew mejta l-għodda fejjieda u ssoktaw ix-xogħol mibdi iżda le mitmum. Bosta huma l-lum il-Freres Maltin li qed igħallmu lill-ulied il-Gżira, u ħafna wkoll huma ż-żgħażagħ li 'l bogħod mix-xtut xemxija tagħna qed jitħejjew għax-xogħol f'din il-art li huma ħallew fl-aħjar ta' żgħurithom......

Nagħlaq b'talba lill-qarrejja bi ħsieb li fih nixtieq niġbor kull ma tarraft :—

Nitlobkom li ma tixlunix li f'kull ma ktibt għamilt bħal għasfur u ftaħart b'rixi... jien ma riedx naqa' f'din il-bluha. Jekk ma rnexxielix il-ħtija mhix kollha tiegħi, iżda ta' qalbi mkebbsa mħabba għal kull mhu ta' nisel Lasalljan... għax fiha wisq aktar milli fil-klamar ijena billejt il-pinna tiegħi. U meta tilmħu xi Frer għaddej mit-triqat tagħna, imqammat fil-mantar iswed bil-kmiem iperpru u ma' dwar għonqu jbajjad il-vavalor, mafkar ta' qedem mimli sebħ, raħan ta' żmenijietna mwarrda għerf u għelm tal-ġejjieni li fih għad jiġbor il-kobor tal-bieraħ u tal-lum, ftakru, li dak il-bniedem ħieni u mistur hu wieħed mill-aqwa benefatturi tal-bnedmin; la tinsewx fl-istess ħin, li jekk ħafna minn ġrajjiet il-bniedem jagħmlu għajb lid-dinja, għax huma ġrajjiet ta' dmija, ta' ħell u ta' rgħiba, ġrajjiet l-Ordni tal-Freres misrura f'dik is-sura mgeżwra l-iswed u bit-trespikos f'rasha, huma ġrajjiet ta' tiġdid, ta' tiswir u ta' tirqim, fl-istess ħin li huma ġrajjiet ta' għerf, ta' mħabba u ta' qdusija.